# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tal-20 ta' April 2001**

**Citazzjoni numru 2388/97 GC**

**Pheonix Domestic Appliances Limited**

**vs.**

**Joseph Vassallo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut bil-prezz ta' elfejn u disa mitt liri maltin (Lm2,900);

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal-dan il-bejgh illum jammonta ghal-elf mitejn u sitta u tmenin liri maltin (Lml,286), import ta' tlett kambjali lkoll ta' hames mija u tmienja u tletin lira (Lm538) li skadew fl-1 ta' Mejju, Gunju u Lulju tal-l995 rispettivament, li minnhom diga tnaqqas l-ammont ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira li kien inghata bhala skont;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas il-konvenut baqa inadempenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u skadut, ai termini tal-artikolu l67 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, u illi fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandiex din il-Qorti :-

1. tikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta attrici, is-somma ta' Lm1,286;

2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju, 1997, u bl-interessi legali mid-data tal-iskadenza tal-ahhar kambjala, kif wkoll tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tagha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi :-

1. Illi kif jirrizulta fis-seduta tal-25 ta' Novembru, l997 meta gew murija lill-Qorti it-tlett kambjali originali imsemmija fic-citazzjoni, dawna mhumiex validi ai termini tal-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc stante li ma humiex iffirmati mit-traent, element essenzjali ad validitatem u ghalhekk huma nulli u bla effett, stante wkoll li mhumiex iffirmati minn mart il-konvenut;

2. Illi bla pregudizzju, il-merkanzija mertu tal-kawza odjerna ma hiex tal-kwalita pattwita u ghalhekk il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas il-prezz taghha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1998 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja u li l-Qorti m'ghandiex tidhol biex tezamina it-tieni eccezzjoni stante li din hi azzjoni kambjarja;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-istess verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1998;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

Bl-imsemmi verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1998 is-socjeta attrici ddkjarat li hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja. In effett is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-import ta' tlett kambjali li skadew rispettivament fl-1 ta' Mejju, Gunju u Lulju tal-l995;

Bil-presenti qed tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe illi t-tlett kambjali in kwestjoni mhux iffirmati mit-traent u ghalhekk mhux validi ghaliex ghandhom element essenzjali nieqes u dana ai termini tal-artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc. Il-konvenut jeccepixxi ukoll li l-istess kambjali huma nulli u bla effett peress li mhux iffirmati minn mart il-konvenut;

Mac-citazzjoni s-socjeta attrici esibit kopja fotostatika tal-kambjali in kwestjoni. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-istess kambjali kienu biss iffirmati mill-konvenut. Sussegwentement gew esibiti l-originali tal-istess kambjali (fol.24, 25 u 26) u dawn jirrizultaw li huma debitament iffirmati ukoll mis-socjeta attrici. Ghalhekk jirrizulta li fil-hin tal-presentata ta' din il-kawza l-kambjali in kwestjoni ma kienux iffrimati mis-socjeta attrici. Jirrizulta, ghalhekk, li l-kambjali gew iffirmati mis-socjeta attrici sussegwentement u cioe fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li hu essenzjali skond il-ligi li kambjala trid tkun iffirmata 'ad validitatem' mit-traent. Il-partijiet ma jaqblux dwar min hu "t-traent". Is-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni li "t-traent" hu dak li ghandu jhallas u cioe l-konvenut. Da parti tieghu l-konvenut jissottometti, fin-nota responsiva tieghu, li "t-traent" hi propju s-socjeta attrici;

Fil-kawza fl-ismijiet "Edward Vincenti Kind vs Carmelo Abdilla et" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Ottubru 1954 (Vol.XXXVIII. III.675) giet appuntu ttrattata t-terminologia li tintuza fil-ligi ghar-rigward tal-kambjali

*"Il-kambjali tikkonsisti fl-obbligazzjoni ta' xi hadd, imsejjah traent, jew emittent, li jgieghel li jhallas, jew ihallas, lill xi haddiehor, imsejjah prenditur, somma determinata lill-possessur tal-istess kambjali fl-iskadenza. Tant fl-ewwel kemm fit-tieni kaz, tissejjah kambjali, u ukoll ittra ta' kambju; fit-tieni kaz tista tissejjah anki 'paghero' cambiario' jew 'vaglia cambiario'. Il-kambjali, ghaldaqshekk, tista' tigi redatta u koncepita f'zewg forom; min jemettiha jista jobbliga ruhu li jhallas huwa stess, personalment, u allura l-kambjali, tkun kambjali proprja, jew, kif diga nghad, 'vaglia cambiario' jew 'paghero cambiario'; imma tista tindika terza persuna bhala dik li ghandha thallas, u lil min l-emittent jghati l-ordni biex ihallas, u allura kambjali tkun kambjali improprja u jghidulha 'tratta', ghaliex tigi migbuda fuq hadd iehor. F'din il-kambjali jippartecipaw tliet persuni traent, trattarju, prenditur; fl-ohra jippartecipaw zewg persuni biss, ghaliex f'dik l-ohra l-emittent jassumi li jemettiha u li jaccettha u jaccettha fl-istess hin li jemettiha."*

It-traent, jew emittent, hu dak li johrog il-kambjala. Fil-kaz in esami t-traent hu is-socjeta attrici li harget jew emettiet il-kambjali li gew ukoll iffirmati mill-konvenut li obbliga ruhu li jhallas l-ammont indikat fuq l-istess kambjali. Dejjem fil-kambjali in kwestjoni min ghandu jircievi l-hlas hu l-istess persuna li harget il-kambjala, cioe s-socjeta attrici. In effett dan hu permissibbli skond il-ligi u cioe ai termini tal-artikolu 127 tal-Kodici Kummercjali;

L-artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali jelenka l-elementi essenzjali li ghandu jkun fiha l-kambjala fosthom li trid tkun "iffirmata minn min jigbidha" u cioe "ad validitatem" il-kambjala trid tkun iffrimata mit-traent, f'dan il-kaz is-socjeta attrici. Fil-kawza fl-ismijiet "Walter Zammit vs Pio Callus" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981 gie ritenut li kambjala li mhux iffirmata mit-traent ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla. Hekk ukoll gie deciz f'diversi kawzi ohrajn, fosthom "Antonio Mifsud et vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc - 29 ta' Novembru 1974), "Alfred Calascione nomine vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc - 29 ta' Novembru 1974) u "Henry A. Pace vs Joseph Azzopardi (Prim Awla tal-Qorti Civili - 13 ta' Ottubru 1964 - Vol. XLVIII.II.1206);

Fid-dawl ta' dan kollu t-tlett kambjali in kwestjoni ghandhom jigu ritenuti nulli stante li fil-hin tal-presentata tac-citazzjoni dawn ma kienux iffirmati mit-traent cioe mis-socjeta attrici. Ghalhekk m'hemmx ghalfejn li tigi esaminata t-tieni parti tal-istess eccezzjoni tal-konvenut u cioe li l-istess kambjali huma nulli u bla effett peress li mhux iffirmati minn martu;

In vista ukoll tal-imsemmi verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1998 fejn is-socjeta attrici ddkjarat li hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja, l-eccezzjoni kif sollevata mill-konvenut li t-tlett kambjali in kwestjoni mhux validi ghandha tigi akkolta. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-kambjali in kwestjoni ghandhom jitqiesu li huma nulli peress li fil-hin tal-presentata ta' din ic-citazzjoni ma kienux debitament iffirmati mit-traent cioe mis-socjeta attrici u ghalhekk tilqa l-eccezzjoni f'dan is-sens tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.